

32007R0206

28.2.2007

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TA' L-UNJONI EWROPEA

L 61/15

**REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 206/2007****tas-27 ta' Frar 2007**

**li jemenda r-Regolament (KE) Nru 2247/2003 li jistabbilixxi r-regoli dettaljati għall-applikazzjoni fis-settur taċ-ċanga u l-vitella tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2286/2002 dwar l-arranġamenti applikabbli għall-prodotti agrikoli u l-oġġetti li jirriżultaw mill-proċessar ta' prodotti agrikoli li joriġinaw fl-Istati Afrikani, tal-Karibew u tal-Paċifiku (l-Istati AKP)**

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2286/2002 tal-10 ta' Diċembru 2002 dwar l-arranġamenti applikabbli għal prodotti u oġġetti agrikoli li jirriżultaw mill-ipproċessar ta' prodotti agrikoli li joriġinaw fl-Istati Afrikani, tal-Karibew u tal-Paċifiku (Stati AKP) u r-Regolament li jħassar (KE) Nru 1706/98<sup>1</sup>, u b' mod partikolari l-Artikolu 5 tiegħu,

Billi;

- (1) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2247/2003<sup>2</sup>, fuq bażi multiannwali għall-perjodi mill-1 ta' Jannar sal-31 ta' Diċembru, jiftaħ kwota għall-importazzjoni ta' ċerti prodotti fis-settur taċ-ċanga u l-vitella li joriġinaw mill-Istati tal-AKP. Il-prodotti eliġibbli għall-importazzjoni skont din il-kwota huma elenkati fl-Anness I għal dak ir-Regolament.
- (2) L-Artikolu 6(1) tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1301/2006 li jistipula regoli komuni għall-amministrazzjoni ta' kwoti tariffarji tal-importazzjoni għal prodotti agrikoli ġestiti b'sistema ta' liċenzji tal-importazzjoni [traduzzjoni mhux uffiċjali]<sup>3</sup> jipprovdi li l-applikanti għal liċenzji tal-importazzjoni ma għandhomx iressqu aktar minn applikazzjoni waħda għal liċenzja tal-importazzjoni għall-istess numru tas-serje ta' kwota fir-rigward ta' perjodu jew subperjodu ta' kwota tariffarja tal-importazzjoni. Barra minn hekk, l-Artikolu 5(1) tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1445/95 tas-26 ta' Ġunju 1995 dwar regoli għall-applikazzjoni ta' liċenzji

<sup>1</sup> ĠU L 348, 21.12.2002, p. 5.

<sup>2</sup> ĠU L 333, 20.12.2003, p. 37. Ir-Regolament kif emendat l-aħħar bir-Regolament (KE) Nru 1965/2006 (ĠU L 408, 30.12.2006, p. 26) kif ikkoreġut bil-ĠU L 47, 16.2.2007, p. 21).

<sup>3</sup> ĠU L 238, 1.9.2006, p. 13.

ta' importazzjoni u ta' esportazzjoni fis-settur tal-laħam taċ-ċanga u l-vitella u li jħassar ir-Regolament (KEE) Nru 2377/80<sup>4</sup> jipprovdi li bla ħsara għal dispożizzjonijiet aktar speċifiċi, l-applikazzjonijiet għal-liċenzji għandhom isiru għal prodotti ta' subintestatura waħda tan-NM jew għal wieħed mill-gruppi ta' subintestaturi elenkati fl-Anness I għal dak ir-Regolament. Fid-dawl tal-firxa ta' prodotti li jistgħu jiġu importati skont ir-Regolament (KE) Nru 2247/2003, l-applikanti għandu jkollhom id-dritt li l-applikazzjoni waħdanija tagħhom, għall-istess numru tas-serje tal-kwota, jaqsmuha skont il-kodiċi tan-NM jew grupp ta' kodiċijiet tan-NM.

- (3) Għal finijiet tal-istatistika, il-liċenzji maħruġa skont ir-Regolament (KE) Nru 2247/2003 għandhom jispeċifikaw il-kwantitajiet konċernati għal kull kodiċi tan-NM jew għall-grupp ta' kodiċijiet tan-NM.
- (4) Ir-Regolament (KE) Nru 2247/2003 għandu għalhekk jiġi emendat skont dan.
- (5) Il-miżuri pprovdu f'dan ir-Regolament huma skont l-opinjoni tal-Kumitat tal-Ġestjoni taċ-Ċanga u tal-Vitella,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

#### *Artikolu 1*

Ir-Regolament (KE) Nru 2247/2003 huwa emendat kif ġej:

- (1) Fl-Artikolu 4(2), għandu jiżdied is-subparagrafu li ġej:

“Minkejja l-Artikolu 5(1) tar-Regolament (KE) Nru 1445/95, l-applikazzjonijiet jistgħu, għall-istess numru tas-serje tal-kwota, ikopru prodott jew prodotti koperti mill-kodiċijiet tan-NM jew gruppi ta' kodiċijiet tan-NM elenkati fl-Anness I għal dan ir-Regolament. Fil-każ ta' applikazzjonijiet li jkopru bosta kodiċijiet tan-NM, għandha tiġi speċifikata, skont il-kodiċi tan-NM jew il-grupp ta' kodiċijiet tan-NM, il-kwantità rispettiva li għaliha tkun qed issir l-applikazzjoni. F'kull każ, il-kodiċijiet kollha tan-NM għandhom jintwerew fis-Sezzjoni 16 u d-deskrizzjoni tagħhom fis-Sezzjoni 15 tal-applikazzjonijiet u tal-liċenzji.”

- (2) Fl-Artikolu 5(2), għandu jiżdied is-subparagrafu li ġej:

“Kull liċenzja li tinħareġ għandha tispeċifika l-kwantità konċernata skont il-kodiċi tan-NM jew il-grupp ta' kodiċijiet tan-NM.”

#### *Artikolu 2*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ l-għada tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

---

<sup>4</sup> ĠU L 143, 27.6.1995, p. 35. Ir-Regolament kif emendat l-aħħar bir-Regolament (KE) Nru 1965/2006.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, 27 ta' Frar 2007.

*Għall-Kummissjoni*  
*Mariann FISCHER BOEL*  
*Membri tal-Kummissjoni*